MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 313/2002

Il-Pulizija
(Spettur J. Mifsud)

Vs

Anthony Frendo

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1) f'dawn il-Gzejjer, fid-19 t'Ottubru, 2000 u fis-sitt xhur qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu munizzjon ta' diversi kalibri minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap 66, tal-Ligijiet ta' Malta;
2) fl-istess post, hin u cirkostanzi u f'xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew that il-kontroll tieghu munizzjon, li l-importazzjoni ta' l-oggetti msemmija

hija projbita u/jew ristretta, u li ghandhom valur totali ta' LM2.90,0 dazju ta' LM0.23,0 liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelati bi ksur tal-Artikolu 60(a)(b)(c)(k), l-Artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(I)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) fl-istess post, hin u cirkostanzi u f'xi data qabel instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew that il-kontroll tieghu munizzjoni, li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta, u li ghandhom valur ta' LM2.90 u dazju ta' LM0.23 valur totali ta' LM3.13 u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa ammonta ghal LM0.47 liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur tal-Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Dicembru, 2002, li biha wara li rat l-artikolu 3 tal-Kap. 66, l-artikolu 60 (a)(b)(c)(k), l-artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru XXIII ta' l-1998) u l-artikolu 9 tal-Kap. 152, ikkundannatu ghal emenda ta' LM6.50 u ordnat l-konfiska tal-oggetti esebiti, filwaqt li lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fid-19 ta' Dicembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija w minflok il-piena moghtija tinfliggi l-piena skond il-Ligi inkluz il-konfiska tal-munizzjoni.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Qorti tat piena li mhux skond il-ligi ghax skond l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta , il-multa kellha tkun ta' mhux inqas minn hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) oltre li kienet tassattiva piena karcerarja trattandosi ta' munizzjoni;

Semghet it-tratazzjoni tal-abbli prosekutur;

Fliet l-atti kollha processwali;

Ikkonsidrat ;

Illi mill-htijiet ammessi mill-appellat u li taghhom gie misjub hati , jidher li kien hemm ksur tal-artikolu 3 tal-Kap. 66 , tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana w tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud .

Illi skond l-artikolu 27 tal-Kap. 66 id-dispozizzjonijiet ta' l-Att Dwar il-Probation tal-Hatjin u tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma japplikawx ghal ebda reat kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Kap. 66. Illi umbaghad skond l-istess artikolu 3 fuq imsemmi, meta tinstab htija ta' pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon f' xi fond, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija , l-piena hi ta' minn tlitt xhur sa tlitt snin prigunerija. Pero' skond il-proviso tal-istess artikolu , meta , wara li tkun giet ikkunsidrata il-kwantita' jew il-kwalita' ta' dawk l-armi tan-nar jew munizzjon, il-Qorti tkun tal-fehma illi dawn ma kienux qed jinzammu sabiex isir biegh jew traffikar iehor taghhom kontra l-ligi, l-hati jehel il-piena ta' multa ta' mhux inqas minn tletin lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlitt xhur jew dik il-multa w prigunerija flimkien u dana skond l-istess artikolu. Ghalhekk jidher li l-piena karcerarja ma hix wahda tassattiva f'dan il-kaz jekk il-Qorti tkun hekk sodisfatta.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti il-kwantita' tal-munizzjon varju hi tant zghira li ma jidhirx li dan kien qed jinzamm ghall xi biegh jew traffikar tal-istess u ghalhekk f'dan il-kaz hija applikabbli l-piena pekunjarja jew flok il-piena karcerarja jew flimkien maghha, pero' dejjem fil-minimu ta' multa ta' mhux inqas minn LM30 . F'dan is-sens l-aggravju tal-Avukat Generali hu zgur gustifikat u ghandu jigi milqugh,ghax il-multa li giet inflitta mill-ewwel Qorti kienet ferm inqas mill-minimu stipulat mill-ligi .

Fir-rigward umbaghad tat-tieni w t-tielet reati ammess mill-imputat skond l-artikolu 62 tal-Kap. 37 il-piena preskritta mill-ligi ghal xi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana kontenuti f' dak l-artikolu , hija ta'

multa li tkun daqs it-total meta jinghaddu flimkien l-ammont tad-dazju w taxxa fuq il-valur mizjud li jkollu jithallas fuq l-oggetti w d-doppju tal-valur tal-oggetti JEW multa ta' hamsa u ghoxrin lira , skond liema minnhom tkun l-AKBAR jew ghal dik il-multa flimkien ma prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn. Issa f'dan il-kaz mill-atti processwali jidher li jekk tghodd l-ammont tad-dazju dovut u t-taxxa fuq il-valur mizjud u d-doppju tal-valur tal-oggetti , dawn ma jammontawx ghal aktar minn LM25 (ara fol. 29 u 31 tal-process) u ghalhekk trid tapplika il-multa ta' LM25 ghax hija l-akbar wahda .

Illi anki f' din l-Ordinanza tad-Dwana fl-artikolu 87 insibu dispozizzjoni analoga ghal dik fuq imsemmija u cioe' l-artikolu 27 tal-Kap. 66 li tghid li d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali w l-Att Dwar il-Probation ta' Hatjin ma japplikaw ghal ebda reat ta' dik l-Ordinanza .

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tillibera taht il-provvediment tal-artikolu 9 tal-Kap.152 kif ghamlet fis-sentenza appellata.

Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu w fejn ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti w billi tirrevokaha in kwantu lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena a tenur tal-artikolu 9 tal-Kap.152 u fejn ikkundannatu ghall-ammenda ta' Lm6.50c u minnflok tikkundannah multa ta' tletin lira Maltin (LM30) fuq l-ewwel imputazzjoni w multa ta' hamsa w ghoxrin lira (LM25) fuq it-tieni w t-tielet imputazzjonijiet, b'kollox hamsa w hamsin lira Maltin (LM55) li jekk ma jithallsux minnufieh jigu awtomatikament konvertiti fi hdax il-jum prigunerija skond dak li hemm mahsub fl-artikolu 11 (3) u 14 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------